32005D0841

29.11.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 312/65

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Novembru 2005

li tipprovdi għall-marketing temporanju ta' ċertu żerriegħa ta' l-ispeċi Triticum durum, li ma jissodifawx ir-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE

(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 4527)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2005/841/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tagħha,

Billi:

(1) Fl-Awstrija, il-kwantità disponibbli taż-żerriegħa tal-varjetajiet tax-xitwa tal-qamħ durum (*Triticum durum*) adattata għall-kundizzjonijiet tal-klima nazzjonali u li tissodisfa ir-rekwiżiti dwar il-kapaċita ta' ġerminazzjoni tad-Direttiva 66/402/KEE mhijiex biżżejjed u għalhekk mhux adegwata biex tilħaq ir-rekwiżiti ta' l-Istat Membru.

(2) Mhux possibbli li tintlaħaq it-talba għaż-żerriegħa ta' dik l-ispeċi b'mod sodisfaċenti b'żerriegħa minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, li tissodisfa ir-rekwiżiti kollha stabbiliti fid-Direttiva 66/402/KEE.

(3) Għalhekk, l-Awstrija għandha tiġi awtorizzata li tippermetti il-marketing ta' dik iż-żerriegħa ta' dik l-ispeċi soġġetta għall-ħtiġijiet inqas stretti għall-perjodu li jiskadi fil-15 ta' Novembru 2005.

(4) Barra minn hekk, Stati Membri oħra irrespettivament ta' jekk iż-żerriegħa kinetx maħsuda fi Stat Membru jew f'pajjiż terz kopert bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-ekwivalenza ta' l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq l-uċuh tar-raba li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa prodotta fil-pajjiżi terzi [2] li huma fil-pożizzjoni li jfornu lill-Awstrija biż-żerriegħa ta' dik l-ispeċi, għandhom jkunu awtorizzati, biex jħallu li jsir l-marketing ta' din iż-żerriegħa.

(5) Huwa xieraq li l-Awstrija taġixxi bħala koordinatur sabiex tiżgura li l-ammont totali ta' żerriegħa awtorizzat skond din id-Deċiżjoni ma jaqbiżx il-kwantità massima koperta b'din id-Deċiżjoni.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikoltura, Ortikultura u l-Foresterija.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-marketing fil-Komunità ta' żerriegħa tal-qamħ tad-durum tax-xitwa li ma tissoddisfax ir-rekwiżiti ta' kapaċita' minima ta' ġerminazzjoni stabbiliti fid-Direttiva 66/402/KEE għandhom ikunu permessi, għal perjodu li jiskada fit-15 ta' Novembru ta' l-2005, f'konformita' mat-termini stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni u soġġetti għall-kundizzjonijiet segwenti:

a) kapaċità ta' ġerminazzjoni ta' mill-inqas 75 % ta' żerriegħa pura,

b) it-tikketta uffiċjali tiddikjara li l-ġerminazzjoni ċċertifikata fl-eżami uffiċjali jew l-eżami li twettaq taħt is-superviżjoni uffiċjali skond l-Artikoli 2(1)(F)(d) u 2(1)(G)(d) tad-Direttiva 66/402/KEE.

c) iż-żerriegħa għandha tkun l-ewwel tqiegħdet fis-suq skond l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Xi fornitur taż-żrieragħ li jixtieq jqiegħed fis-suq iż-żrieragħ msemmijin fl-Artikolu 1 għandu japplika lill-Istat Membru fejn huwa stabbilit.

[1] ĠU 125, tad-11.7.1966, p. 2298/66. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2003/61/KE (ĠU L 165, tat-3.7.2003, p. 23).

[2] ĠU L 8, tad-14.1.2003, p. 10. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/403/KE (ĠU L 141, 7.6.2003, p. 23).

L-Istat Membru ikkonċernat għandu jawtoriżża lill-fornitur biex iqiegħed dik iż-żerriegħa fis-suq, sakemm:

a) ma jkunx hemm biżżejjed evidenza biex ikun hemm dubju dwar jekk fornitur huwiex kapaċi li jqiegħed fis-suq l-ammont ta' żerriegħa li jkun applika għall-awtorizzazzjoni tagħha; jew

b) il-kwantità totali awtorizzata biex titqiegħed fis-suq skond id-deroga ikkonċernata taqbeż l kwantità massima speċifikata fl-Anness.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jgħinu lil xulxin bl-amministrazzjoni fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

L-Awstrija għandha taġixxi bħala Stat Membru koordinatur biex tiżgura li l-ammont totali awtorizzat ma jaqbisx il-kwantità massima speċifikata fl-Anness.

Xi Stat Membru li jirċievi applikazzjoni skond l-Artikolu 2 għandu jinnotifika minnufih lill-Istat Membru li qed jikkoordina bl-ammont kopert bl-applikazzjoni. L-Istat Membru koordinatur għandu jinforma lill-Istat Membru li qed jinnotifika dwar jekk l-awtorizzazzjoni tista' twassal biex tinqabeż il-kwantità massima.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom javżaw minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar il-kwantitajiet li dwarhom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni għall-marketing, fi qbil ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-28 ta' Novembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Speċi	It-tip tal-varietà	Kwantità Massima (tunnellati metriċi)
Triticum durum	Auradur, Heradur, Inverdur, Prowidur, Superdur, Windur	500